**Minuti tat-365 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sur Pisani ppropona li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 59 u minflok il-kliem "hu ivvota kontra għax jaħseb li l-offerta tas-Sur Ellul hija baxxa biex tkopri s-salarju ta' tlett ħaddiema jiġifieri wieħed ma' kull latrina" jidħol il-kliem "għax l-offerta l-oħra kienet orħos u minkejja li s-Sur Farrugia ser ikun qiegħed jimpjega ħaddiem inqas mill-offerent l-ieħor, xorta kien ser ikun marbut li joffri l-istess kwalita' ta' servizz li ntrabat bih is-Sur Ellul". Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni.

Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-364 laqgħa kif emendati.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Catania qal li hu jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel pjan dwar enerġija sostenibli. Is-Sur Buhagiar qal li kellha toħrog sejħa għall-offerti biex jinħatar konsulent biex jagħmel dan il-pjan. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni tal-Patt tas-Sindki fejn l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali kienet qed toffri l-għajnuna tagħha dwar proġetti ta' enerġija alternattiva'. Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk l-impjegati kienux qed jiġu marbuta jagħmlu użu fi żmien stipulat mill-*vacation leave* li ġie mġedded għas-sena 2010. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Buttigieg qal li l-bozza maqtugħa li kien hemm fi Triq Villabate kienet ġiet mibdula. Huwa talab lill-Kunsill biex tinkiteb ittra lill-kuntrattur *Alfred Schembri & Sons Ltd* dwar ix-xogħol li sar fi Triq G Agius Muscat u jintalab jagħmel mill-ġdid din it-triq.

Is-Sur Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lura lil *Maltapost* dwar kaxxi tal-ittri f'Ħaż-Żabbar. Id-Deputat Segretarja wieġbet fl-affermattiv.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fi programm fuq l-istazzjon nazzjonali. L-iskop ta' dan il-programm ta' ħmistax il-minuta huwa li l-Kunsill iwassal messaġġ pożittiv dwar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali. Din l-opportunita' ser tingħata biss lill-ewwel għoxrin Kunsill li japplika.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-familja Portelli dwar talba biex il-pjanċa tal-ħadid li hemm fuq il-bankina fi Triq Felice ma' Triq l-Iskola tinqala u titwaħħal aktar 'il barra lejn tarf il-bankina. Is-Sindku ppropona li titressaq din il-pjanċa. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Clifford Vella fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jagħmel użu mill-istemma tal-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar fil-pubblikazzjoni tiegħu dwar l-imtieħen tar-riħ li kien hawn f'Malta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti permess lis-Sur Vella biex jagħmel użu mill-istemma fil-pubblikazzjoni msemmija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Neville Cassar fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jitwaħħlu tabelli ta' direzzjoni li jindikaw iż-żona ta' Maġġi ma' *u-bars* li hemm f'numru ta' toroq f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ma joġġezzjonax li jsiru dawn is-sinjali, li jinġiebu l-permessi meħtiega mill-Awtoritajiet konċernati, kif ukoll li l-Kunsill iżomm id-dritt li jneħħi xi tabella li tista' tkun ta' periklu. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Roderick Vella dwar l-istat ħażin li tinsab fih Triq is-Silla. Is-Sur Buttigieg qal li din it-triq flimkien ma' Triq in-Newl u Triq l-Għarix li huma lkoll viċin ta' xulxin, ser isiru mil-Gvern Ċentrali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċju tal-President ta' Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat li L-Eċċelenza Tiegħu ma jistax jattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet li ser isiru fl-okkażżjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar nhar it-Tnejn, 1 ta' Frar, 2010.

Fis-7.20 ta' filgħaxija s-Sur Pace talab li jkun skużat minħabba xogħol ieħor tal-Kunsill.

Inqrat l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Comune di Villabate* fejn infurmaw lill-Kunsill li minħabba raġunijiet amministrattivi ma setgħux jattendu għaċ-ċerimonja ta l-għoti tal-Premju Ċittadin tas-Sena 2009 li ser jingħata f'Jum Ħaż-Żabbar.

Inqrat *Memo* 15/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Fondi Specjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali fejn qed tiġi allokata s-somma ta €500,000. Dan l-ammont ser ikun immirat biex jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet speċjali tal-lokalitajiet.

Inqrat *Memo* 16/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita' ta' librerija lokali li għat-tieni sena konsekuttiva ser tingħata għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli Lokali kollha li għandhom id-devoluzzjoni tal-librerija lokali jew inkella għandhom librerija li twaqqfet mill-Kunsill stess.

Inqrat *Memo* 17/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ħatra ta' Udituri tal-Gvern Lokali għall-perjodu 1 t'April, 2009 sa l-31 ta' Deċembru, 2009 – ħatra li tista' tiġi mġedda kull sena għal mhux aktar minn perjodu totali ta' ħames snin konsekuttivi.

Inqrat *Memo* 18/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament għal-lokalitajiet sostenibbli sabiex jiġu magħżula żewġ Kunsilli Lokali oħra biex jingħataw għajnuna ta' €25,000 kull wieħed biex ifasslu strateġija għall-iżvilupp sostenibbli fil-lokalità tagħhom.

Inqrat *Memo* 19/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn għat-tieni sena konsekuttiva l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment qed jalloka ammont ta' flus biex jgħin lid-Dipartimenti tal-Gvern jorganizzaw laqgħat u konferenzi nternazzjonali f'Malta. Dan bl-iskop li Malta tkun tista' tikkompeti ma' pajjiżi oħra Ewropej fl-organizzazzjoni ta' dawn it-tip ta' avvenimenti.

Inqrat *Memo* 20/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Rapport ta' Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali (perjodu April – Lulju 2009). B' referenza għal dan ir-rapport, lill-erbgħa u għoxrin Kunsill Lokali relevanti għal dan il-perjodu, qed jintbagħtilhom estratt dettaljat tal-ispezzjonijiet li saru fil-lokal tagħkom.

Inqrat *Memo* 21/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li japplika biex iġib fondi għar-restawr tal-Mina ta' Hompesch.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Approvazzjoni tal-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-Sena Finanzjarja 2010

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet l-Abbozz ta' l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2010. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 1 ta' April, 2009 - 31 ta'Diċembru, 2009. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-*Financial Statements*.

Is-Sindku ppropona li jsir *resurfacing* f'dawn it-toroq Triq Ġanni Bonavia, Triq Mons Luigi Catania u Sqaq Berqi. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn it-toroq.

Is-Sur Catania ssuġġerixxa li jekk ikun hemm fondi biżżejjed issir ukoll il-parti mhux asfaltata ta' Triq il-Kunċizzjoni.

Is-Sur Buhagiar issuġġerixxa li parti ta' Triq Santa Duminka li hija pavimentata bil-konkos terġa' tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak.

Fit-7.45 ta' filgħaxija s-Sur Catania talab li jkun skużat.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienx ser isir xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Leli Tabone. Is-Sindku qal li dwar l-ispiża relatata ma' dan ix-xogħol kien se jitkellem mal-Perit tal-Kunsill biex jiġi stabilit jekk din it-triq tistgħax issir taħt t-tender għax-xogħol li sar fi Triq G Agius Muscat.

Dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħsieb li ż-żona ta' St.Peter's tiġi ddikjarata bħala komunita' u b'hekk din tiżdied mad-Disa Skeda ta' l-Att dwar il-Kunsill Lokali. Is-Sindku ppropona li tintalab laqgħa mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr Chris Said biex tiġi diskussa din l-ittra. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Dwar l-ittra mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq flimkien mar-rappreżentanti tal-Uffiċċju Elettorali dwar toroq f'Ħaż-Żabbar li għad m'għandhomx isem jew li l-isem tagħhom fil-preżent għadu mhux uffiċjali. Il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja li toroq imsemmija f'din il-korrispondenza jingħataw dawn l-ismijiet.

1. Triq ġdida fi Triq A Caligari — Triq Patri Arkangelo Azzopardi
2. Triq ġdida fi Triq il-Karmnu — Triq Felix Zarb

3. Triq ġdida fi Triq San Leonardu — Triq Anthony Livori
4. Triq ġdida fi Triq San Anard — Triq Vincenza Zammit
5. Triq ġdida fi Triq l-Għakrux — Triq Fredu Abela (L-Għannej)
6. Triq ġdida fi Triq Wied il-Għajn — Triq Consiglio Carmelo

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li l-ftuħ uffiċjali taċ-ċentru l-ġdid tal-informatika fiċ-Ċentru Ċiviku kien ser isir nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Jannar, 2010.

Is-Sinjura Calleja qalet li jekk tittieħed deċiżjoni biex issir *road hump* fi Triq il-Qaqoċċ fuq talba tar-residenti, din għandha ssir quddiemhom u mhux quddiem residenti oħra li ma jridux din ir-*road hump.*

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jinbidlu numru ta' bozoz fi Triq is-Santwarju. Hija semmiet ukoll il-ħtieġa li jiġu rranġati trinek li hemm ħdejn il-ħwienet fi Triq il-Kunvent.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jitnaddfu s-*soft areas* li hemm fi Triq il-Fraxxnu. Is-Sindku ppropona li titneħħa il-ħamrija u minflok isir konkos biex ma jkomplix jintefa' aktar skart. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pisani ppropona li l-magażin Citta' Hompesch jiġi ppublikat fix-xahar ta' Ġunju minflok fix-xahar ta' Marzu. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni għall-proġett tal-Unjoni Ewropeja *Europe for Citizen* bil-għan li jinġiebu fondi biex tiġi organizzata attivita' bejn il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar u l-Kunsill ta' Eschborn. Dan il-proġett bit-tema *Sharing Histories – Creating Futures* jinvolvi kemm żgħażagħ kif ukoll anzjani. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buttigieg reġa' talab li tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq Wied il-Għajn minn ħdejn il-*Crazy Horse Bar* sa Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jiġu rranġati *il-culverts* ta' Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li x-xogħol kien ser isir fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jiġi rranġat sprall li hemm fi Triq Santa Duminka.

Is-Sur Buttigieg qal li kellu jsir xogħol ta' *resurfacing* mill-Gvern Ċentrali fi Triq tal-Labour imma ma sarx. Hu talab li niktbu lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta biex inġibu aktar informazzjoni dwar dan ix-xogħol tant meħtieġ.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija tal-lokal dwar ilmenti li ilhom pendenti għal żmien twil.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jkompli jsir xogħol ta' manutenzjoni meħtieġ fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali u li jinġiebu kemm jista' jkun fondi mill-iskemi ta' għajnuna li qed jinħarġu mill-Gvern Ċentrali.

Is-Sur Bonnici qal li l-vettura tat-tip *Skoda* għadha mitluqa fi Triq il-Ġizimina. Is-Sindku qal li dwar din il-vettura kien ser jerġa' isir rapport fl-għassa tal-Pulizija.

Is-Sur Bonnici talab li jitwaħħlu iktar *dog litter bins*. Huwa qal ukoll li l-Kunsill kienu ser jitpoġġew *bring in sites* għas-separazzjoni tal-iskart fi Triq il-Vulcan.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li l-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ ġie propost f'Mont Dore, fi Franza bejn 17 u 29 ta' Lulju 2010 u ppropona li l-Kunsill jipparteċipa f'dan il-kamp. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa.

Is-Sur Bonnici talab li Triq il-Kappucini ssir *one-way*. Huwa qal ukoll li r-residenti qed ibgħatu minn inkonvinjent kbir ta' storbju minn *scrap yard* li hemm fi Triq 10 ta' Settembru 1797.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.15 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata de Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-366 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2010.

Domenic Agius
Sindku